MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2010

Avviz Numru. 199/2010

**Paul Micallef li jiggestixxi l-istabbiliment**
**'Tatara Bathrooms'**

**vs**

**Vincent Grech f'ismu propju u f'isem u ghan-nom tas-socjeta` kummercjali Grech's Ltd (C-1863)**

**Il-Qorti,**

Rat it-talba tar-rikorrent ghall-kundanna tal-intimat ghall-hlas tas-somma ta' disat elef, mija u disgha u erbghin Ewro u ghaxar centezmi (€9,149.10) rapprezentanti l-prezz ta' madum, kmamar tal-banju u oggetti ohra ancillari lilhom mibjugha u kkonsenjati skond l-*istatement* hawn anness bhala Dok. `A`;

Bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali mid-data ta’ kull bejgh rispettiv sad-data tal-hlas effettiv kontra l-intimat li hu ngunt ghas-subizzjoni;

Wara li rat in-nota ta’ Mistoqsijiet tar-rikorrent sabiex l-intimat iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment l-intimat naqas u ma deherx,
la fid-19 ta’ Ottubru tas-sena 2010 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tar-rikorrent u tikkundanna lill-intimat Vincent Grech f’ismu propju u f’isem u ghan-nom tas-socjeta` kummercjali Grech’s Ltd (C-1863) ihallas is-somma ta’ disat elef, mija u disgha u erbghin Ewro u ghaxar centezmi (€9,149.10) lir-rikorrent Paul Micallef li jiggestixxi l-istabbiliment `Tatara Bathrooms`;

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kif dedotti kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------